MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 1/2011

**Abner Grech (Karta ta’ l-Identità bin-Numru 533374M)**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Abner Grech fl-10 ta’ Jannar 2011, permezz ta’ liema jitlob li t-Tribunal jemenda l-likwidazzjoni bil-Kont Numru IV115245 mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi fis-sens illi l-valur attribwit lill-fond 37, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema, ghandu jkun kif hemm dikjarat fil-kuntratt ta’ donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Rosalyn Aquilina datat 3 ta’ Mejju 2010 u konsegwentement jordna li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi ghall-hlas ta’ taxxa addizzjonali ta’ €1,750 ghandha tigi irtirata;

Ra r-Risposta pprezentata mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-25 ta’ Frar 2011, permezz ta’ liema jopponi ghat-talba tar-

Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) preliminarjament il-proceduri odjerni huma nulli peress illi l-likwidazzjoni finali ghadha ma nhargitx; (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet tar-Rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stnate li l-ammont pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi huwa dovut fl-intier tieghu; u li (iii) konsegwentement it-talba tar-Rikorrent ghandha tigi michuda u minflok l-ammont pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi jigi kkonfermat bhala dovut mir-Rikorrent;

Ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi b'Nota datata 3 ta' Marzu 2011 u markati bhala Dok. "CSD1" sa' Dok. "CSD3" a fol. 8 sa' 13 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Ivan Portelli, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2011[1] u ra d-dokumenti minnu esebiti u markati Dok. "GV1" u Dok. "GV2" a fol. 30 u 31 tal-process, u sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2011[2], liema xhieda u dokumenti huma ilkoll limitati ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mill-Kummissarju tat-Taxxi in sostenn ta' l-eccezzjoni preliminari tieghu;

Sema' it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra li l-Appell thalla ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi;

**Ikkonsidra:**

Bil-procedura odjerna r-Rikorrent jattakka stima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tieghu li ggib il-Kont Nurmu IV115245[3] permezz ta' liema qed jintalab ihallas

[1] Fol. 32 sa' 33 tal-process.
[2] Fol. 35 tal-process.
[3] Dok. "SCD02" a fol. 12 u 13 tal-process.

is-somma ta' €1,750 rapprezentanti t-taxxa dovuta fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €35,000, u s-somma ulterjuri ta' €1,750 rapprezentanti taxxa addizzjonali fuq it-trasferiment tal-fond Nru. 37, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema. Ir-Rikorrent jibbaza l-kontestazzjoni tieghu fuq l-affermazzjoni li l-valur tal-fond kif stmat mill-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi huwa ezagerat u l-valur reali tal-fond huwa dak dikjarat fil-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Rosalyn Aquilina datat 3 ta' Mejju 2010. Konsegwentement jitlob li jigi dikjarat li l-valur reali tal-fond huwa dak dikjarat fil-kuntratt ta' donazzjoni imsemmi u b'hekk it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi ghall-hlas ta' taxxa u taxxa addizzjonali tigi rtirata.

Il-Kummissarju tat-Taxxi laqa' ghat-talba tar-Rikorrent bl-eccezzjoni preliminari l-Appell odjern huwa null stante li l-likwidazzjoni finali ghadha ma nhargitx u bl-eccezzjoni fil-meritu li t-talba tar-Rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ammont pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi huwa dovut fl-intier tieghu u ghaldaqstant l-istess ghandu jigi kkonfermat minn dan it-Tribunal.

Ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 3(2)(b) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghal dan it-Tribunal bis-sahha ta' l-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, procedurali jew sostantiva, fil-fehma tat-Tribunal f'dan il-kaz tali artikolu tal-Ligi ma jistax u ma ghandux jigi applikat ghaliex l-applikazzjoni tieghu fid-dawl ta' l-import ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi tista' tkun ta' pregudizzju ghall-partijiet kontendenti, partikolarment kemm-il darba tali eccezzjoni kellha tirrizulta gustifikata u b'hekk tigi milqugha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal ser jghaddi biex jaghti decizjoni preliminari dwar l-eccezzjoni preliminari tan-nullità ta' l-Appell odjern sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu, in sostenn ta' din l-eccezzjoni l-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li *fit-30 ta'*

*Awwissu 2010, l-esponent Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg stima fejn gie identifikat il-valur addizzjonali taxxabbli, it-taxxa, kif ukoll it-taxxa addizzjonali/penali dovuta mill-intimati* [recte: ir-Rikorrent] *relatata mat-trasferiment tal-fond nru 37, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema. L-intimati* [recte: ir-Rikorrent] *gew mgharrfa bil-possibilità tal-hlas skond skeda murija fl-istess stima, bil-konsegwenzi finanzjarji kemm-il darba huma jirrifjutaw illi jhallsu l-ammont fiz-zmien indikat fl-istess skeda, kif ukoll bid-dritt illi huma setghu jikkontestaw l-likwidazzjoni jew parti minnha bil-miktub fi zmien tletin gurnata min-notifika ta' l-avviz. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie illi mexa skrupulizament mal-proceduri stipulati taht l-Artikolu 52(4), 54 u 56 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-istess artikolu 56 tal-Kap.364, fis-subartikolu (4)* [recte: (3)] *tieghu jistipola illi kemm-il darba ma jintlahaqx ftehim bejn l-esponent u l-objector, l-intimat, f'dan il-kaz, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa obbligat illi jiddeciedi t-taxxa b'ordni bil-mitkub fiz-zmien tlett snin minn meta huwa rcieva tali oggezzjoni. Illi jidher illi l-esponenti <u>flok ma ressqu oggezzjoni quddiem l-esponent Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn ikkontestaw il-likwidazzjoni bil-miktub fi zmien moghti lilhom fl-istess stima kif inhu ben stipulat taht l-artikolu 56 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, ipprocedew kontra l-esponent Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' appell quddiem dan it-Tribunal ai termini ta' l-artikolu 58 tal-Kap.364</u>[4]. Illi tali procedura hija wahda intempestiva ghaliex l-ewwel l-intimati* [recte: ir-Rikorrent] *riedu jezawrixxu l-procedura kontemplata taht l-artikolu 56 tal-Kap.364 qabel ma setghu jipprocedu bil-ftuh ta' proceduri quddiem dan it-Tribunal ai termini ta' l-artikolu 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. … il-Ligi hija car u ma taghti lok ghal ebda bdil fil-procedura, kuntlarju ghal dak illi qed jippretendu l-intimati* [recte: ir-Rikorrent], *bil-konsegwenza illi l-proceduri huma nulli*[5].

Minn dak appena citat jidher li l-Kummissarju tat-Taxxi qed jibbaza l-eccezzjoni tan-nullità ta' l-Appell odjern fuq l-affermazzjoni li r-Rikorrent naqas li joggezzjona ghall-istima mahruga minnu kif tenut jaghmel skond l-Artikolu

[4] Sottolinear tat-Tribunal.
[5] Fol. 36 sa' 37 tal-process.

56 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, u minflok ghadda mill-ewwel biex ressaq dan l-Appell quddiem it-Tribunal. Madanakollu però, dak affermat mill-Kummissarju tat-Taxxi jinsab kontradett mill-provi minnu stess imressqa.

Waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2011, xehed Ivan Portelli in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi u fost affarijiet ohra huwa ddikjara li *r-rikorrent kien ircieva kont minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni originarjament li kien inhareg fit-30 ta' Awwissu 2010. Ir-rikorrent kien oggezzjona ghal dan il-kont, liema oggezzjoni d-dipartiment irceviha fl-20 ta' Settembru 2010…*[6] Ix-xhud esebixxa zewg dokumenti Dok. "GV1"[7] u Dok. "GV2"[8] li huma: Dok. "GV1" - ittra tal-Kummissarju tat-Taxxi datata 5 ta' Novembru 2010 indirizzata lir-Rikorrent permezz ta' liema gie infurmat li *b'referenza ghall-oggezzjoni tieghek fuq l-imsemmi kont*[9]*, ninfurmak li l-file rega' intbghat ghand il-Perit u rega' ikkonferma l-ewwel valur li taghna;* u Dok. "GV2" - ittra ohra tal-Kummissarju tat-Taxxi datata 10 ta' Dicembru 2010 indirizzata lir-Rikorrent permezz ta' liema gie infurmat li *Reference is made to your letter of the 15/09/2010 whereby you objected against the claim in caption on the transfer of a FOND in 37, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema*[10]*. As can be seen from the aforesaid claim number IV115245 the amount of duty on the difference in value as established by the departmental expert is €1,750.00 and an equivalent of €1,750.00 has been imposed as additional duty. Your attention is drawn to the fact that if the claim is accepted and paid within the time from the date of assessment as shown hereunder, the additional duty is reduced to the percentage amount as shown in the Second Column hereunder … If the time limit of three hundred and thirty (330) days is exceeded, it will not be possible to effect any reduction in the additional duty.*

Mix-xhieda ta' Ivan Portelli u mill-import taz-zewg dokumenti minnu esebiti jirrizulta ferm car li l-

[6] Fol. 32 tal-process. Sottolinear tat-Tribunal.
[7] Fol. 30 tal-process.
[8] Fol. 31 tal-process.
[9] Sottolinear tat-Tribunal.
[10] Sottolinear tat-Tribunal.

affermazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li flok ma ressaq oggezzjoni ghall-istima in kwistjoni skond l-Artikolu 56(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Rikorrent mill-ewwel ghadda biex intavola l-Appell odjern fil-konfront tieghu, hija ghal kollox infondata u bhala tali ghandha tigi michuda.

Ciò nonostante però t-Tribunal hu tal-fehma li xorta wahda ghandu jindaga jekk ir-Rikorrent setax jinterponi appell mill-istima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi wara l-ittra ta’ l-istess Kummissarju datata 10 ta’ Dicembru 2010, u dana ghar-raguni li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi ghandha implikazzjonijiet ta’ ordni pubbliku li jaghmluha impellenti ghat-Tribunal li jindaga l-kwistjoni ulterjorment.

Huwa fatt inkontestat li fit-30 ta’ Awwissu 2010, il-Kummissarju tat-Taxxi hareg stima fil-konfront tar-Rikorrent relattiva ghat-trasferiment tal-fond Nru.37, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema, li sehh b’kuntratt ta’ donazzjoni datat 3 ta’ Mejju 2010, ghall-hlas tas-somma ta’ €1,750.00 rapprezentanti t-taxxa dovuta fuq il-valur addizzijonali taxxabbli ta’ €35,000 stabbilit mill-Kummissarju, u tas-somma ulterjuri ta’ €1,750.00 rapprezentanti t-taxxa addizzjonali. Jirrizulta stabbilit ukoll li ai termini ta’ l-Artikolu 56(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Rikorrent oggezzjona ghal din l-istima. X’jista’ jigri una volta li titressaq oggezzjoni ghal stima tal-Kummissarju tat-Taxxi jirrizulta mill-Artikolu 56(2) u (3) u mill-Artikolu 58(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-Artikolu 56(2) u (3) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li: *meta xi persuna tkun oggezzjonat ghal likwidazzjoni tiftiehem mal-Kummissarju dwar l-ammont ta’ taxxa li ghandha tithallas dwar il-likwidazzjoni, din ghandha tigi emendata skond il-ftehim, u l-avviz tat-taxxa li ghandha tithallas ghandu jigi notifikat lil dik il-persuna. Jekk ma jintlahaqx ftehim kif provdut fis-subartikolu (2), il-Kummissarju ghandu jiddeciedi t-taxxa b’ordni bil-miktub u jinnotifika lill-persuna li toggezzjona avviz li hu jirrifjuta li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub minn dik il-persuna fi*

*zmien tliet snin mid-data ta' meta jircievi l-imsemmi avviz ta' oggezzjoni.*

L-Artikolu 58(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *kull persuna li thoss ruhha aggravata b'likwidazzjoni, u ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju dwar l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas kif provdut fl-Artikolu 56(1), tista' taghmel appell lit-Tribunal fi zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika lilha ta' avviz tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub.*

Minn dawn l-artikoli tal-Ligi johrog car li meta titressaq oggezzjoni ghal stima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi, l-oggezzjoni tista' jew tigi milqugha jew rifjutata mill-Kummissarju jew inkella jintlahaq ftehim bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u t-*tax payer* f'liema kaz l-istima tigi emendata skond il-ftehim. Fejn ma jintlahaqx ftehim bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u t-*tax payer* u l-oggezzjoni tigi rifjutata, il-Kummissarju ghandu jiffissa t-taxxa b'ordni bil-miktub u jinnotifika lit-*tax payer* bir-rifjut tieghu li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub.

Fil-kaz in ezami in risposta ghall-oggezzjoni tieghu mill-istima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi, ir-Rikorrent ircieva zewg ittri minghand il-Kummissarju: l-ewwel ittra datata 5 ta' Novembru 2010[11], permezz ta' liema gie infurmat li wara l-oggezzjoni tieghu l-file intbaghat ghand il-Perit inkarigat mill-Kummissarju, izda rega' ikkonferma l-ewwel valur li kien ta lid-Dipartiment, u it-tieni ittra datata 10 ta' Dicembru 2010[12], permezz ta' liema mill-gdid gie infurmat li skond il-Kont Numru IV115245 it-taxxa dovuta fuq il-valur addizzjonali taxxabbli stabbilit mill-Kummissarju hija ta' €1,750 u t-taxxa addizzjonali dovuta tammonta ghal €1,750 ohra. Mill-gdid ukoll gie infurmat li f'kaz li l-hlas isir fit-termini ta' zmien indikat mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra tieghu, hu seta' jibbenefika minn tnaqqis percentwali relattiv tat-taxxa addizzjonali, izda jekk it-terminu ta' 330 gurnata jiskadi minghajr ma jigi effettwat il-hlas ma jkun hemm ebda tnaqqis tat-taxxa addizzjonali dovuta.

[11] Dok. "GV1" a fol. 30 tal-process.
[12] Dok. "GV2" a fol. 31 tal-process.

In segwitu ghal din l-ahhar ittra, ir-Rikorrent intavola l-Appell odjern u fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2011, spjega ghalfejn ipproceda b'dan l-Appell: *Jiena kont ircevejt kont minghand id-dipartiment tat-taxxa addizzjonali u kont cempilt lid-dipartiment u kellimt lil Frendo jew Portelli u staqsejthom x'kelli naghmel u huma qaluli li kelli naghmel oggezzjoni. Jiena fil-fatt ghamilt din l-oggezzjoni. Wara li pprezentajtha ergajt cempilt lid-dipartiment u ergajt kellimt lil Frendo jew lil Portelli u staqsejthom x'ser jigri u qaluli li kelli nircievi minghand id-dipartiment. Fil-fatt ircevejt l-ittra li tinsab a fol. 30 tal-process u kif ircevejtha jiena ergajt cempilt lid-dipartiment u mill-gdid kellimt lil Frendo u Portelli u staqsejthom x'kien ser jigri ladarba l-Perit ikkonferma l-valuation tieghu. Huma qaluli li kont ser nicievi kont minghand id-dipartment u kif nircevieh kelli tletin gurnata biex immur ghand l-avukat halli nkompli l-proceduri. Jiena fil-fatt dan il-kont ircevejtu u kif qaluli mort ghand l-avukat u ftahna dan l-appell. L-ittra u l-kont jiena rcevejthom separatament[13].* Huwa evidenti li r-Rikorrent jikkontendi li ipproceda bl-Appell odjern fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi skond kif spiegawlu li kellu jaghmel mid-Dipartiment tat-Taxxi stess.

Ivan Portelli da parte tieghu jghid illi in segwitu ghall-oggezzjoni pprezentata mir-Rikorrent, l-istess Rikorrent *gie nfurmat li l-istess ma gietx accetata. Ghad-dipartiment il-kont huwa finali. Madanakollu l-procedura li setghet issir f'dak l-istadju mir-rikorrent kien li jistitwixxi proceduri l-Qorti, u mhux quddiem dan it-Tribunal. Il-proceduri quddiem dan it-Tribunal jibdew biss meta jkun hemm appell minn rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni liema rifjut f'dan il-kaz ghad m'hemmx. Ir-rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interi, ir-rifjut ta' l-oggezzjoni tat-tax payer jinhareg biss wara li jiskadi t-terminu ta' 330 gurnata li l-istess tax payer jinghata zmien biex ihallas skond l-iskaletta li tidher fuq il-kont. L-appell in kwistjoni gie ntavolat fl-10 ta' Jannar 2011 jigifieri qabel l-gheluq tat-terminu provdut fl-iskaletta[14].* Ir-rapprezentant tal-

[13] Fol. 35 tal-process.
[14] Fol. 32 tal-process.

Kummissarju tat-Taxxi evidentement ma jikkonfermax dak affermat mir-Rikorrent u addirittura jikkontendi li l-procedura li se mai kienet disponibbli ghalih kienet mhux dik ta' appell quddiem dan it-Tribunal izda, ta' proceduri quddiem il-Qrati ordinarji.

Jibda biex jigi osservat illi dak li seta' gie suggerit jew spjegat lir-Rikorrent minn impjegati jew rapprezentanti tad-Dipartiment tat-Taxxi fir-rigward tal-procedura li kellha tigi adottata wara l-ittra tal-Kummissarju tat-Taxxi ta' l-10 ta' Dicembru 2010 huwa irrilevanti fil-kuntest tal-validità legali o meno tal-procedura effettivament adottata. Hija l-Ligi, jew ahjar l-interpretazzjoni tal-Ligi **biss** illi tiddetermina jekk procedura adottata hijiex, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, legalment valida jew le.

Affermat dan il-punt jigi osservat illi mix-xhieda ta' Ivan Portelli johrog car li skond il-Kummissarju tat-Taxxi, wara li rcieva l-ittra ta' l-10 ta' Dicembru 2010 ir-Rikorrent seta' jipprocedi bi proceduri quddiem il-Qrati ordinarji u mhux b'Appell quddiem dan it-Tribunal ghaliex, skond hu, appell quddiem dan it-Tribunal jista' jigi ntavolat biss wara li jinhareg ir-rifjut finali da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi, liema rifjut finali, dejjem skond il-Kummissarju tat-Taxxi, sa' llum ghadu ma inharigtx.

Ghalkemm ir-rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi ma jidentifikax il-procedura ezatta li r-Rikorrent seta', skond hu, jistitwixxi quddiem il-Qrati ordinarji, it-Tribunal ghandu jifhem li kien qed jaghmel referenza ghall-procedura kontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li appuntu jittratta dwar procedimenti ghall-hlas ta' krediti tal-Gvern jew ghall-procedura rizultanti mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 60A tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar in-natura ta' titolu ezekuttiv ta' likwidazzjoni finali u konkluziva.

L-Artikolu 466(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *meta kap ta' dipartiment tal-Gvern jew ic-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta jew rapprezentant tieghu jrid jagixxi ghall-hlas ta' kreditu li jkollu jiehu d-dipartiment li tieghu huwa jkun il-kap, jew li jkollha tiehu xi*

*amministrazzjoni ta' dak id-dipartiment dwar kull servizz, provvista, kera jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat*[15] *li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.* Is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi ulterjorment li *d-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju*[16] *u ghandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet gudikat tal-qorti komptetenti, kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata.*

Meta l-ittra tal-Kummissarju tat-Taxxi datat 10 ta' Dicembru 2010 tigi kkunsidrata fid-dawl ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta immedjatament evidenti li dik l-ittra ma hijiex mahlufa quddiem ir-registratur, Imhallef jew Magistrat u ma hijiex ittra ufficjali izda ittra mahruga direttament mid-Dipartiment. Fid-dawl ta' dan ghalhekk huwa evidenti li b'dik l-ittra l-Kummissarju tat-Taxxi ma kienx qed jmexxi fil-konfront tar-Rikorrent bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ir-Rikorrent ma setax jikkontesta t-talba tal-Kummissarju ghall-hlas permezz ta' proceduri quddiem il-Qrati ordinarji skond kif provdut fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi.

L-Artikolu 60A tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *likwidazzjoni li tkun finali u konklusiva skont l-artikolu 60*[17] *hija titolu ezekuttiv fi hdan it-tifsira u ghall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Jekk it-taxxa u, jew taxxa addizzjonali u, jew imghax ma tithallasx kif preskritt f'dan l-Att, il-Kummissarju ghandu jinnotifika nota ta' talba lill-persuna responsabbli ghall-hlas, u jekk ma jsirx il-hlas fi zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dik in-nota*

15 Sottolinear tat-Tribunal.
16 Sottolinear tat-Tribunal.
17 Sottolinear tat-Tribunal.

*ta' talba*[18]*, il-Kummissarju jista' jinforza l-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1), wara jumejn min-notifika ta' intimazzjoni ghall-hlas maghmula permezz ta' att giudizzjarju.*

L-Artikolu 60 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *meta ma tkun saret ebda oggezzjoni jew appell validu kontra likwidazzjoni, jew meta l-ammont ta' taxxa jkun gie miftiehem skond l-artikolu 56(2), jew meta l-ammont ta' taxxa u taxxa addizzjonali jithallas skond l-artikolu 52 ta' l-Att, ghar-rigward dik it-taxxa u t-taxxa addizzjonali hekk imhallsa, jew meta appell ikun gie irtirat jew cedut, jew meta l-ammont ta' taxxa li ghandha tithallas ikun gie stabbilit wara oggezzjoni jew appell, il-likwidazzjoni kif maghmula jew miftiehma jew kif stabbilita wara oggezzjoni jew appell, skond il-kaz, tkun finali u konkluziva ghall-finijiet kollha ta' dan l-Att.*

Meta l-kaz odjern jigi kkunsidrat fid-dawl tac-cirkostanzi dwar kif u meta likwidazzjoni mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi ghandha titqies finali u konkluziva ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, jirrizulta immedjatament evidenti li l-likwidazzjoni mahruga fil-konfront tar-Rikorrent ghadha ma tistax titqies bhal finali u konkluziva ghall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 60A tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. S'issa l-unika fattur li huwa stabbilit fil-kaz in ezami huwa li l-oggezzjoni mressqa mir-Rikorrent mill-istima mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi giet michuda mill-Kummissarju, izda ghadu vigenti d-dritt tar-Rikorrent li jappella minn dan ir-rifjut tal-Kummissarju – dritt li r-Rikorrent qed jenforza bil-procedura odjerna u dritt li jibqa' ferm skond it-termini tal-Ligi anke jekk b'din is-sentenza din il-procedura kellha titqies nulla in kwantu intempestiva kif pretiz mill-Kummissarju.

B'hekk ladarba saret oggezzjoni da parte tar-Rikorrent u din l-oggezzjoni ma gietx accettata mill-Kummissarju tat-Taxxi, fl-assenza ta' appell li jigi deciz jew inkella rtirat jew cedut jew fl-assenza ta' ftehim eventwali bejn ir-Rikorrent u l-Kummissarju tat-Taxxi, l-istima mahruga kontra r-

[18] Sottolinear tat-Tribunal.

Rikorrent bil-Kont Numru IV115245 f'dan l-istadju ma tistax titqies bhala finali u konkluziva u ghaldaqstant il-procedura kontemplata fl-Artikolu 60A tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tigi adottata mill-Kummissarju tat-Taxxi bil-konsegwenza li r-Rikorrent ma setax u f'dan l-istadju ma' jistax jipprocedi fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi bi proceduri quddiem il-Qrati Ordinarji.

Stabbilit illi f'dan l-istadju kwalunkwe procedura da parte ta' entrambe l-partijiet kontendenti quddiem il-Qrati ordinarji hija prematura, jehtieg issa jigi determinat jekk ir-Rikorrent setax iressaq il-procedura odjerna quddiem dan it-Tribunal in segwitu ghall-ittra tal-Kummissarju tat-Taxxi ta' l-10 ta' Dicembru 2010.

Bl-ittra ta' l-10 ta' Dicembru 2010, il-Kummissarju tat-Taxxi **mill-gdid tenna** l-posizzjoni tieghu dwar it-taxxa u t-taxxa addizzjonali skond hu dovuti mir-Rikorrent fuq it-trasferiment tal-fond Nru.37, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema u kjarament jippretendi hlas da parte tieghu. Bejn l-Avviz ta' Likwidazzjoni mahrug fit-30 ta' Awwissu 2010 u l-ittra ta' l-10 ta' Dicembru 2010, il-Kummissarju tat-Taxxi ma biddel xejn mis-sustanza tal-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tar-Rikorrent. B'hekk huwa evidenti li mhux qed jaccetta l-oggezzjoni mressqa mir-Rikorrent u qed izomm ferma l-posizzjoni tieghu fil-konfront taghhom. Di fatti l-istess rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2011 iddikjara li wara li d-Dipartiment ircieva l-oggezzjoni tar-Rikorrent, ir-Rikorrent gie infurmat li l-oggezzjoni tieghu ma gietx accettata.

Ghalkemm il-Kummissarju tat-Taxxi halla l-opportunità miftuha lir-Rikorrent li jibbenefika minn tnaqqis fl-ammont tat-taxxa addizzjonali kemm-il darba l-hlas isir f'xi zmien matul iz-zmien massimu ta' 330 gurnata mid-data ta' l-istima originali, b'daqshekk il-Kummissarju ma hu qed jikkoncedilu xejn partikolari ghajr opportunità li tirrizulta specifikatament mill-Ligi, senjatament mill-Artikolu 52(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ladarba bl-ittra ta' l-10 ta' Dicembru 2010 il-Kummissarju tat-Taxxi ma kienx, u jidher li ghadu mhux dispost ibiddel

il-posizzjoni tieghu vis-à-vis ir-Rikorrent, u ladarba ir-Rikorrent ma huwiex dispost jaccetta l-pretensjonijiet tal-Kummissarju fil-konfront tieghu, it-Tribunal ma jsib ebda raguni valida ghalfejn fic-cirkostanzi r-Rikorrenti kellu jistenna r-rifjut formali da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi, li jista' johrog sa' terminu massimu ta' tlett snin mid-data meta l-Kummissarju rcieva l-oggezzjoni tieghu, biex jintavola appell mill-istima mahruga fil-konfront tieghu. Ladarba l-posizzjoni taz-zewg nahat tirrizulta ben kristalizzata – u dana bl-imsemmija ittra ta' l-10 ta' Dicembru 2010 – ma hemm xejn li jzomm lir-Rikorrent li già minn issa u ghalkemm ghadu ma harigtx ir-rifjut formali, jressaq il-kaz tieghu – tramite l-appell opportunipprezentat entro tletin gurnata min-notifika lilu ta' l-ittra ta' l-10 ta' Dicembru 2010 – quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi, l-Appell intavolat mir-Rikorrent ma huwiex, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, intempestiv u konsegwentement null.

Sabiex din is-sentenza però ma tigix misinterpretata, it-Tribunal jaghmilha cara li huwa ugwalment validu u maghmul entro t-terminu dak l-appell minn stima tal-Kummissarju tat-Taxxi li jigi intavolat quddiem dan it-Tribunal wara l-hrug tar-rifjut formali tal-Kummissarju tat-Taxxi, naturalment kemm-il darba tali appell jigi intavolat entro t-terminu ta' tletin gurnata min-notifika lit-*tax payer* bir-rifjut formali prefiss fl-Artikolu 58(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u jordna l-prosegwiment tal-kaz fil-meritu.

L-ispejjez relattivi ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u ghal din is-sentenza ghandhom jigu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxi.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------